Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021

P9_TA(2021)0452

Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż (2020/2243(INI))

(2022/C 205/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4 tan-NU,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 (COM(2020)0625),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020, bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027: Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali" (COM(2020)0624),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 dwar Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)0274),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 intitolata "Nibnu Ewropa iktar b'saħħitha: ir-rwol tal-politiki taż-żgħażagħ, tal-edukazzjoni u tal-kultura" (COM(2018)0268),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2017 intitolata "It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura" (COM(2017)0673),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2021 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2021 dwar l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd ([2]) u dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea ([3]),

([1]) ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.
([2]) ĠU C 221, 10.6.2021, p. 3.
([3]) ĠU C 221, 10.6.2021, p. 14.

Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) ([4]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva, u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim ([5]) u dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([6]), tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni sekondarja għolja u l-eżiti tal-perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż ([7]), tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal ta' Kwalità Għolja ([8]) u dwar approċċ komprensiv għat-tagħlim tal-lingwi ([9]), u tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([10]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Parigi tas-17 ta' Marzu 2015 dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport Eurydice tal-24 ta' Marzu 2021 dwar l-għalliema fl-Ewropa: karrieri, żvilupp u benesseri, u l-istudji ppubblikati mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu f'Ottubru 2020 intitolat "Towards a European Education – Critical perspectives on challenges ahead" (Lejn Edukazzjoni Ewropea – Perspettivi kritiċi dwar l-isfidi fil-ġejjieni) u f'Mejju 2021 intitolat "Education and youth in post-COVID-19 Europe – crisis effects and policy recommendations" (L-edukazzjoni u ż-żgħażagħ fl-Ewropa wara l-COVID-19 – effetti tal-kriżi u rakkomandazzjonijiet ta' politika),

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fi Frar 2021 intitolat "Making the European Education Area a reality: state of affairs, challenges and prospects" (Nagħmlu ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Realtà: sitwazzjoni attwali, sfidi u prospetti),

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu f'Mejju 2018 intitolat "Identità Ewropea",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar it-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni diġitali ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-edukazzjoni fl-era diġitali: sfidi, opportunitajiet u tagħlimiet għat-tfassil tal-politika tal-UE ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2018 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni fl-UE ([13]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2021 dwar il-kisba ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 ([14]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0291/2021),

A. billi kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni u li jkollu aċċess għal taħriġ kontinwu u vokazzjonali;

([4]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([5]) ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1.
([6]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.
([7]) ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.
([8]) ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4.
([9]) ĠU C 189, 5.6.2019, p. 15.
([10]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([11]) Testi adottati, P9_TA(2021)0095.
([12]) ĠU C 388, 13.11.2020, p. 2.
([13]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 8.
([14]) ĠU C 175, 7.5.2021, p. 6.

B. billi l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, is-suq uniku tal-UE u politiki oħra tal-UE kkontribwew – għalkemm b'mod frammentat – għall-iżvilupp naturali ta' spazju edukattiv Ewropew, storikament sostnut mit-tradizzjonijiet tal-umaniżmu u l-valuri u d-drittijiet fundamentali Ewropej;

C. billi l-għan aħħari huwa li tiġi stabbilita Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA) minn isfel għal fuq b'objettivi ta' politika komuni Ewropej li jiggarantixxu edukazzjoni ta' kwalità, inklużiva u aċċessibbli, isaħħu l-iskambju ta' prattiki tajba u jiżguraw qafas effettiv għall-mobilità Ewropea, li jeżiġi t-tneħħija tal-ostakli eżistenti, l-użu ta' għodod Ewropej, u l-appoġġ ta' żviluppi ta' politika fil-livelli nazzjonali u Ewropej biex is-sistemi edukattivi jkunu adattati għall-indirizzar tal-kriżi klimatika u jippermettu trasformazzjoni ekoloġika u diġitali ta' suċċess;

D. billi l-edukazzjoni jeħtieġ li tiġi konċettwalizzata b'mod wiesa' bħala "tagħlim tul il-ħajja", li jvarja minn edukazzjoni preprimarja għal edukazzjoni terzjarja, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) kif ukoll l-edukazzjoni mhux formali u informali, u mmirata lejn il-kisba ta' ħiliet trasversali biex kulħadd ikun jista' jiżviluppa l-potenzjal tiegħu personalment u professjonalment, jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess it-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol;

E. billi l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri tagħha llum, inklużi n-nuqqas ta' kompetittività, it-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà, diversi forom ta' estremiżmu u populiżmu, id-diżinformazzjoni, l-imminar tal-edukazzjoni bbażata fuq l-evidenza u l-aggravar tal-inugwaljanzi eżistenti bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, jistgħu jeħtieġu azzjoni Ewropea xierqa u miftiehma;

F. billi s-settur tal-edukazzjoni kollu kemm hu ntlaqat ħażin mill-pandemija, bid-differenzi eżistenti fl-infrastruttura edukattiva, l-għarfien espert u l-aċċess għar-riżorsi fi ħdan u madwar l-Istati Membri u bejn il-livelli u t-tipi differenti ta' edukazzjoni li saru saħansitra aktar evidenti matul il-pandemija tal-COVID-19, primarjament bħala riżultat ta' żieda fl-inugwaljanza, inkluż in-nuqqas ta' aċċess għall-infrastruttura tal-IT għal persuni minn sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati, li kellha riperkussjonijiet negattivi fuq l-aċċess għall-edukazzjoni;

G. billi l-edukazzjoni wiċċ imb wiċċ tibqa' essenzjali kemm fl-iżvilupp intellettwali kif ukoll f'dak personali tal-istudent;

H. billi l-Parlament stieden lill-Istati Membri jipprijoritizzaw l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, pereżempju billi jallokaw mill-inqas 10 % tal-baġits nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza għall-politiki korrispondenti, u talab baġit konsiderevolment ogħla għall-programm Erasmus+, filwaqt li jqis l-infiq fuq l-edukazzjoni bħala investiment fil-futur komuni tagħna ([15]) minflok spiża, sabiex jipprovdi soċjetà aktar sostenibbli, diġitali u soċjalment koeżiva; billi l-Parlament talab li l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ ikun parti sostanzjali tal-istrument tal-Kummissjoni NextGenerationEU;

I. billi l-investiment ta' kwalità fl-edukazzjoni għandu redditu għoli, għalkemm iż-żieda fin-nefqa waħedha mhux neċessarjament tagħti r-riżultati mixtieqa; billi l-medja privata tar-rata globali ta' redditu għall-edukazzjoni tibqa' għolja u stabbli matul id-deċennji ([16]);

J. billi hemm bżonn ta' rikonoxximent aħjar tal-professjoni tat-tagħlim, li għaddejja minn kriżi, għal għalliema u ħarrieġa motivati u kompetenti, u għal taħriġ aktar kontinwu; billi hemm varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri fl-edukazzjoni u l-induzzjoni inizjali tal-għalliema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni, il-valutazzjoni, il-karrieri, u l-iżvilupp professjonali kontinwu; billi fl-2018, 40,9 % biss tal-għalliema fl-UE marru barra minn pajjiżhom mill-inqas darba għal skopijiet professjonali bħala studenti, għalliema jew it-tnejn li huma ([17]);

K. billi sar progress fil-bini ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, b'riżultat tal-isforzi fit-tul tal-Proċess ta' Bolonja u bl-użu tiegħu bħala referenza biex jittieħed tagħlim mill-esperjenzi tal-implimentazzjoni tiegħu; billi hemm bżonn li jiġu promossi l-Universitajiet Ewropej, peress li dawn jikkontribwixxu għall-eċċellenza Ewropea u r-rwol ġeopolitiku tal-UE;

([15]) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar it-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni diġitali.

([16]) Psacharopoulos, G., Patrinos, H. A., *Returns to Investment in Education: A Decennial Review of the Global Literature* (Redditu mill-Investiment fl-Edukazzjoni: Reviżjoni Deċennali tal-Litteratura Globali), Grupp tal-Bank Dinji, April 2018.

([17]) Ir-rapport Eurydice tal-24 ta' Marzu 2021 dwar l-għalliema fl-Ewropa: karrieri, żvilupp u benesseri.

Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021

L. billi hemm nuqqas ta' rikonoxximent tal-VET bħala l-mogħdija ta' għażla u eċċellenza fuq l-istess livell ma' perkorsi edukattivi oħra; billi għad hemm ħafna ostakli għall-mobilità tal-istudenti, inkluża l-mobilità fit-tul tal-apprendisti, minkejja l-progress li sar fil-proċess ta' Copenhagen;

M. billi l-Istati Membri ma laħqux bis-sħiħ l-objettivi u l-punti ta' riferiment tal-qafas dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020, b'mod partikolari l-għanijiet tat-tisħiħ tal-edukazzjoni ekwa u ta' kwalità, li titnaqqas ir-rata tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, u li s-sehem ta' dawk li għandhom 15-il sena u li għad għandhom livell baxx ta' ħiliet fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza jinġieb taħt il-15 %;

N. billi l-ġbir ta' data ta' kwalità għolja u l-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ huma tnejn mill-prerekwiżiti għal fehim aħjar tal-isfidi rilevanti madwar l-UE u d-differenzi fiha u biex jgħinu fl-indirizzar ta' dawk id-differenzi;

O. billi l-edukazzjoni diġitali u l-ħiliet diġitali adegwati għandhom jitqiesu bħala parti minn edukazzjoni orjentata lejn il-futur, u mhux bħala subsett tal-metodi eżistenti ta' tagħlim jew alternattiva għalihom, filwaqt li tiġi enfasizzata l-importanza tat-tagħlim personali; billi ferm aktar minn terz tal-Ewropej (42 %) ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi, b'disparitajiet sinifikanti fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom; billi l-Aġenda għall-Ħiliet għandha l-għan li tiżgura li 70 % ta' dawk bejn is-16 u l-74 sena jkollhom ħiliet diġitali bażiċi sal-2025, żieda medja ta' żewġ punti perċentwali fis-sena meta mqabbla ma' żieda annwali ta' 0,75 punti perċentwali kull sena bejn l-2015 u l-2019;

P. billi l-EEA tipprovdi opportunità importanti għal aktar kooperazzjoni internazzjonali;

Il-ħtieġa għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA)

1. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni ta' kwalità, affordabbli u inklużiva li tkun aċċessibbli għal kulħadd tul il-ħajja u li l-inizjattiva tal-EEA għandha tipprovdi aktar opportunitajiet u opportunitajiet aħjar għall-istudenti fl-UE biex jistudjaw, jitħarrġu, jagħmlu r-riċerka u jaħdmu kull fejn ikunu, iżidu l-mobilità tat-tagħlim, jiffaċilitaw djalogu sostnut u sinifikanti mal-atturi rilevanti, u jikkultivaw ambjent fejn il-ħiliet, il-kwalifiki, id-diplomi u l-lawrji huma rikonoxxuti u apprezzati fl-Ewropa kollha;

2. Jindika li r-rata ta' ritorn għall-edukazzjoni għadha għolja ħafna u għalhekk aktar edukazzjoni u taħriġ ġeneralment jikkorrelata b'mod qawwi mat-tkabbir soċjetali u ekonomiku, ugwaljanza akbar u standards ta' għajxien aħjar għal kulħadd u opportunitajiet aktar professjonali u personali fuq livell individwali; jindika, għalhekk, is-sinifikat inestimabbli tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim, li għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, bħala aspetti ta' importanza l-aktar vitali biex jixprunaw il-progress tas-soċjetà u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli; jemmen li l-EEA tista' u għandu jkollha rwol bla preċedent fit-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni u l-kwalità tagħha fl-UE kollha;

3. Jenfasizza r-rwol tal-EEA li tippermetti fluss akbar u aħjar ta' studenti, għalliema u għarfien, trawwem sens ta' appartenenza Ewropea u kuxjenza ċivika, tiggarantixxi d-drittijiet u l-valuri, u tipprovdi opportunitajiet ġusti u ugwali; jenfasizza l-potenzjal tal-Ewropa li ssir setgħa edukattiva reali billi tuża r-rikkezza tad-diversità tagħna u tiskambja prattiki tajba biex tindirizza l-isfidi eżistenti u futuri;

4. Iqis li l-edukazzjoni u l-kultura huma kruċjali għall-kisba ta' avvanz u benesseri personali u soċjali, it-trawwim taċ-ċittadinanza Ewropea, it-titjib tal-koeżjoni soċjali, il-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-prosperità ekonomika u soċjali Ewropea b'mod ġust u sostenibbli, u l-iżgurar li l-UE tkun attur globalment kompetittiv u reżiljenti kkaratterizzat minn aktar intraprenditorija biex tmexxi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

5. Jitlob li jittieħdu l-bosta opportunitajiet għal "valur miżjud Ewropew" ipprovduti permezz tal-edukazzjoni, speċjalment permezz tal-mobilità u tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, bil-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li għandhom rwol partikolarment importanti;

6. Jitlob li jkun hemm dimensjoni ġeopolitika aktar ċara u aktar b'saħħitha tal-EEA sabiex l-UE tkun tista' tagħmel użu strateġiku mis-setgħa edukattiva tagħha mal-eqreb ġirien u sħab tagħha;

Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021

It-tnaqqis tad-distakk fl-approċċi istituzzjonali u tal-partijiet ikkonċernati

7. Jieħu nota tal-varjetà ta' viżjonijiet u approċċi għall-EEA, li jesprimu xewqa komuni li jipprovdu impetu frisk għall-proġett Ewropew; jikkunsidra l-edukazzjoni bħala pedament għall-kisba tal-proġett Ewropew, fejn ir-rwol tal-UE jkun iffukat, fost l-oħrajn, fuq l-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-Istati Membri fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, l-inkoraġġiment ta' standards komuni u t-tnaqqis tal-lakuni eżistenti, filwaqt li l-kontenut edukattiv u l-metodi ta' tagħlim jibqgħu kompetenza nazzjonali; jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar kollaborazzjoni dwar l-edukazzjoni madwar l-Ewropa u lil hinn minnha sabiex jiġu żviluppati approċċi u soluzzjonijiet komuni għal sfidi komuni;

8. Japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex trawwem EEA, filwaqt li jinnota l-ħtieġa ta' approċċ aktar olistiku li jirrikjedi kooperazzjoni u koordinazzjoni sinifikanti bejn l-atturi kollha u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-komunità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, is-sħab soċjali, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-ħaddiema żgħażagħ u s-soċjetà ċivili; jitlob li jkun hemm aktar ftuħ lejn ideat ġodda biex jiġi żgurat li l-EEA tkompli tevolvi u sservi ta' stimolu għal aktar sħubijiet u sħubijiet aktar b'saħħithom, inkluż bejn is-settur pubbliku u dak privat, u sinerġiji bejn il-partijiet ikkonċernati;

9. Jilqa' r-reazzjoni tal-Kunsill għall-proposti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-enfasi tagħha fuq l-importanza tal-VET u l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, li jeħtieġ li jkunu affordabbli u aċċessibbli għal kulħadd, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE;

10. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tikseb l-EEA sal-2025; iwissi li l-proposti tal-Kummissjoni għadhom prinċipalment qafas strateġiku aktar milli pjan direzzjonali ta' politika konkret; jissuġġerixxi, għalhekk, l-istabbiliment ta' prijoritajiet ċari fuq terminu medju u twil b'miri u skadenzi li jistgħu jintlaħqu għall-azzjonijiet li għandhom jiġu adottati, inklużi riżultati interim definiti b'mod ċar li se jikkostitwixxu l-elementi kostitwenti differenti ta' EEA ġenwina mingħajr dewmien bla bżonn, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet fiskali tal-Istati Membri;

11. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati strateġija u pjan direzzjonali komuni ta' implimentazzjoni li jinkludu l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili u li jiġu definiti r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom; jinsisti li l-EEA għandha tkun ċara u aċċessibbli u tirrifletti l-livelli kollha ta' governanza;

Inbiddlu l-viżjoni f'realtà: prijoritajiet strateġiċi komuni u miri fil-livell tal-UE

12. Jenfasizza l-potenzjal li jintużaw għodod ta' koordinazzjoni tal-politika Ewropea biex jintlaħqu l-objettivi komuni ta' EEA, inkluż il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u s-Semestru Ewropew; ifakkar fir-rwol tas-Semestru Ewropew għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li oriġinarjament kien maħsub bħala għodda għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi madwar l-UE sabiex jiġi żgurat li l-gvernijiet josservaw ir-responsabbiltà fiskali;

13. Jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE u lill-Istati Membri jaqblu dwar l-istess viżjoni, prijoritajiet, miri u punti ta' riferiment fir-rigward tal-EEA, filwaqt li jirrikonoxxu d-diversitajiet eżistenti fl-Ewropa;

14. Jissottolinja l-importanza li jiġu stabbiliti l-libertà akkademika u l-awtonomija pedagoġika bħala prinċipji ewlenin tal-EEA;

15. Jitlob l-użu ta' sinerġiji bejn l-EEA, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, kif ukoll bejn id-diversi programmi tal-UE; jappella għat-tishiħ ulterjuri ta' Erasmus+, Orizzont Ewropa, Ewropa Kreattiva, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, Ewropa Diġitali, u l-Programm taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri sabiex ikunu ta' benefiċċju għall-għalliema, il-ħaddiema edukattivi, il-fornituri tal-edukazzjoni, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-istudenti kollha;

16. Jissottolinja l-inklużività bħala dimensjoni ċentrali tal-EEA u prerekwiżit għall-kisba ta' edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd; jissottolinja li ħadd ma għandu jitħalla barra, li kull student għandu talent, u li d-differenzi individwali għandhom jiġu apprezzati u jingħataw valur; jenfasizza li l-progress fuq miri komuni jista' jinkiseb biss permezz ta' approċċ aktar komprensiv;

Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021

17. Jenfasizza l-importanza li l-istudent jitqiegħed fiċ-ċentru tal-proċess ta' tagħlim; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-approċċ lejn gruppi vulnerabbli ikun personalizzat, inklużi persuni bi kwalunkwe tip ta' diżabilità jew differenzi fit-tagħlim, bħal dawk fuq l-ispettru tal-awtiżmu jew dawk b'potenzjal għoli, u li jitrawwem approċċ għall-iskejjel kollha lejn iż-ŻEE; jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha bħal assoċjazzjonijiet tal-istudenti, esperti ta' appoġġ pedagoġiku, persuni li jieħdu ħsieb studenti bi bżonnijiet speċjali, u oħrajn, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp tal-Universitajiet Ewropej u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali;

18. Jilqa' b'sodisfazzjon l-objettivi tal-qafas strateġiku ġdid tal-UE għat-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja, li kien is-suġġett tar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2021 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni, kif ukoll il-ħames prijoritajiet strateġiċi identifikati fih, b'mod partikolari l-proposti speċifiċi biex l-apprendistati tul il-ħajja u l-mobilità jsiru realtà għal kulħadd;

19. Jenfasizza l-importanza li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħtieġa li l-għalliema u l-edukaturi jiġu remunerati b'mod adegwat għal xogħolhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jinvestu fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-ħarrieġa, b'mod partikolari billi jinkludu dimensjoni Ewropea u mobilità transnazzjonali fil-kurrikuli tagħhom, jikkultivaw il-kompetenzi u l-motivazzjoni fil-professjoni edukattiva, isaħħu r-rikonoxximent tal-valur li l-edukaturi jagħtu lis-soċjetà, u jsaħħu l-awtonomija pedagoġika; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-professjonalizzazzjoni tal-persunal edukattiv u indukrar bikri tat-tfal sabiex jiġi rikonoxxut u apprezzat kif xieraq ix-xogħol tagħhom, għax dan huwa indispensabbli għall-edukazzjoni tat-tfal;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jrawmu l-litteriżmu medjatiku u tal-informazzjoni, il-ħsieb kritiku u kultura ta' tolleranza fl-istadji kollha tal-proċess ta' tagħlim bħala prijorità u għodda kritika biex tingħata s-setgħa liċ-ċittadini Ewropej responsabbli bil-ħiliet li jeħtieġu biex jiġġieldu l-mewġa dejjem tikber ta' diżinformazzjoni u jiffaċċjaw l-isfidi tas-seklu 21;

21. Jappella għal qafas komuni dwar l-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali; jenfasizza l-ħtieġa ta' sistema komuni ta' rikonoxximent, validazzjoni u ċertifikazzjoni ta' ħiliet, kwalifiki u kredenzjali diġitali, biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-kompetenzi diġitali madwar l-Ewropa, u biex l-istudenti kollha, speċjalment it-tfal, ikollhom aċċess għal tagħmir diġitali bażiku;

22. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata d-diġitalizzazzjoni tal-universitajiet fl-UE u jtenni t-talba għall-ħolqien ta' pjattaforma universitarja online Ewropea; jistieden lill-UE tirrikonoxxi l-konnettività u l-infrastruttura diġitali bħala dritt derivat mid-dritt fundamentali għall-edukazzjoni;

23. Jilqa' l-bidliet li saru dan l-aħħar fil-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa u jistieden lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura tivvaluta kif tista' żżid il-viżibilità, tkompli bl-iżvilupp u ssaħħaħ l-impatt tal-komunità tat-tagħlim għall-adulti;

24. Jappoġġja l-użu ta' indikaturi u punti ta' riferiment kwantitattivi, filwaqt li jqis kif xieraq id-differenzi bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom, sabiex ikun jista' jsir tqabbil u monitoraġġ kontinwu tal-progress tal-Istati Membri lejn objettivi komuni u jiġu inċentivati aktar azzjonijiet ta' politika, filwaqt li jtenni l-ħtieġa ta' indikaturi kwalitattivi supplimentari u punti ta' riferiment u jwissi kontra miri ambizzjużi żżejjed fuq terminu medju;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità u tiżdied il-frekwenza tal-attivitajiet meħtieġa ta' ġbir ta' data, u li jiġi żgurat il-monitoraġġ attiv ta' indikaturi u punti ta' riferiment rilevanti bħall-mira stabbilita mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa sabiex tinkiseb il-mira ta' 50 % tal-popolazzjoni adulta li tipparteċipa f'attivitajiet ta' tagħlim; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jilħqu miri ambizzjużi, bħall-proporzjon ta' dawk li jiksbu riżultati baxxi u dawk li jitilqu kmieni mill-iskola, billi jnaqqsu l-ewwel punt ta' riferiment minn 15 % għal 10 % u t-tieni minn 10 % għal 5 %;

26. Jitlob kollaborazzjoni eqreb bejn l-UE u organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet oħra bħall-UNESCO u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u li jintużaw b'mod attiv u jiġu appoġġjati r-riċerka u studji edukattivi eżistenti u futuri biex jassistu lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' riformi politiċi effettivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw riċerka edukattiva komuni u parteċipatorja b'mandat u baġit definiti sew fi ħdan il-mandat tal-kompetenzi tal-UE;

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprovdu l-finanzjament meħtieġ għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-EEA u l-istabbiliment ta' strument finanzjarju ddedikat fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 bil-ħsieb li tiġi żviluppata aktar l-EEA u jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki; itenni t-talba tiegħu li mill-inqas 10 % tal-finanzjament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiġu allokati għall-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni diġitali, u jistieden lill-Istati Membri jżidu b'mod sostanzjali l-infiq pubbliku fl-edukazzjoni għal aktar mill-medja tal-UE (4,7 % tal-PDG fl-2019);

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji ta' mitigazzjoni tad-diżastri għas-settur tal-edukazzjoni, fi sħubija u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha, u jinsisti fuq l-importanza ta' azzjoni Ewropea miftiehma fi żminijiet ta' kriżi, bħall-pandemija tal-COVID 19;

Miżuri u kunsiderazzjonijiet speċifiċi għas-settur

29. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi barranin, u b'mod partikolari tal-Ingliż; jissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' kompetenzi lingwistiċi fil-livelli kollha, speċjalment fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, iħaddnu l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa ta' "multilingwiżmu" u jiksbu l-punt ta' riferiment li l-istudenti kollha jkollhom għarfien suffiċjenti ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali oħra tal-UE u tal-Istati Membri tagħha sa mhux aktar tard minn tmiem l-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod li jippermettu lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv għat-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi, u timmonitorja l-progress kif xieraq; jistieden lill-Istati Membri jiġbru data komparabbli dwar it-tagħlim tal-lingwi; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-iskejjel li jgħallmu l-ħiliet lingwistiċi Ewropej, speċjalment il-lingwi nattivi taċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiżi oħra tal-UE;

31. Jenfasizza l-ħtieġa li r-riċerka u l-innovazzjoni jiġu promossi fl-edukazzjoni; jissottolinja l-importanza ta' EEA fil-promozzjoni tal-fehim, l-istudju u r-riċerka ta' teknoloġiji avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) u r-robotika sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet u l-isfidi assoċjati f'ambjenti edukattivi, inkluż permezz ta' programmi speċifiċi ta' studju tal-ewwel grad fl-Istati Membri kollha; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-UE kollha kemm hi ma għandhiex provvista suffiċjenti ta' programmi speċjalizzati tal-intelliġenza artifiċjali tal-ewwel grad;

32. Jilqa' l-inizjattiva taċ-Ċentri Ewropej ta' Eċċellenza Vokazzjonali, li tipprovdi struttura għas-settur fil-livell Ewropew; jitlob għall-ħolqien ta' żona Ewropea vokazzjonali u ta' taħriġ bħala parti integrali tal-EEA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu favur il-ħolqien ta' Statut Ewropew tal-Apprendistat; jenfasizza l-bżonn li xi Stati Membri jindirizzaw in-nuqqas ta' attraenza u prestiġju tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u s-sistemi ta' edukazzjoni doppja; jenfasizza li s-sistemi tal-VET jeħtieġ li jsiru aktar iffukati fuq min qed jitgħallem u adattati għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel; itenni l-importanza tar-rikonoxximent tal-VET u jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni korrispondenti tal-Kunsill u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa b'mod xieraq u sħiħ; jenfasizza l-importanza li jinħolqu mogħdijiet flessibbli u modulari għat-tagħlim sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jikkombinaw u jibnu fuq esperjenzi u opportunitajiet differenti ta' tagħlim;

33. Jisħaq fuq l-importanza tal-azzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-edukazzjoni għolja, bħat-tisħiħ tal-proċess ta' Bolonja, it-tisħiħ tad-dimensjoni internazzjonali tal-EEA u tal-Karta Ewropea tal-Istudenti, inkluż permezz tat-tħaddin tas-sinerġiji offruti mill-programmi eżistenti tal-UE;

34. Iħeġġeġ li l-EEA għandha tkun pass importanti fir-rikonoxximent tad-diplomi u l-kwalifiki madwar l-UE u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-espansjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tar-riżultati tat-tagħlim u l-perjodi ta' studju barra mill-pajjiż, inkluż fil-VET u permezz tal-mikrokredenzjali Ewropej;

35. Jenfasizza r-rwol prominenti tat-tagħlim mhux formali u informali kif ukoll tal-volontarjat u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-riżultati tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-ħiliet personali fl-UE kollha;

Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021

36. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja sabiex javvanzaw il-progress fit-tmien oqsma ewlenin kollha bħalma huma l-opportunitajiet għall-istudenti żgħażagħ biex iwettqu mill-inqas esperjenza intraprenditorjali prattika waħda matul l-edukazzjoni tagħhom u, b'dan il-mod, itejbu r-rikonoxximent tal-kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali sabiex tiżdied il-flessibbiltà tal-mogħdijiet ta' tagħlim għall-istudenti ta' kull età; jitlob il-ħolqien ta' qafas Ewropew dwar il-kompetenzi ċiviċi u soċjali li jagħti valur lill-benefiċċji ta' prattiki bħall-mentoring u s-superviżjoni tal-attivitajiet taż-żgħażagħ u jippromwovihom u jirrikonoxxihom;

37. Jissottolinja li wara l-pandemija tal-COVID-19, l-apprendiment mill-bogħod sar parti mir-realtà għal ħafna studenti; jenfasizza li fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, it-tagħlim mill-bogħod irid jibqa' l-aħħar għażla u jikkomplementa t-tagħlim wiċċ imb'wiċċ, li huwa essenzjali għat-tagħlim ta' ħiliet soċjali ta' valur; jissottolinja li approċċ ta' tagħlim modern u mħallat immirat lejn l-istudenti tal-età tal-iskola jeħtieġ li jseħħ b'mod predominanti fil-klassi u taħt il-gwida tal-għalliem, li għal raġunijiet pedagoġiċi jista' jagħżel li jħallat għodod differenti, kemm jekk ikunu diġitali (inkluż online) kif ukoll mhux diġitali, bħala parti minn kompiti ta' tagħlim ([18]);

38. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-edukazzjoni relatata mat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika u jqajmu kuxjenza dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeliminaw id-distakk bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni, inkluż fl-edukazzjoni u l-karrieri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM), jiġġieldu l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni tal-ġeneri, u jeqirdu l-bullying, il-bullying ċibernetiku u forom oħra ta' fastidju, diskriminazzjoni u mġiba ħażina vjolenti sabiex itejbu d-diversità kulturali, etnika u tal-ġeneru permezz tal-ħolqien u l-iskambju ta' prattiki tajba madwar l-Ewropa;

40. Jilqa' l-impenn tal-Presidenza Portugiża tal-Kunsill favur it-tnedija ta' pjattaforma online li jkollha l-għan li tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data fost l-Istati Membri rigward l-isfidi marbuta mal-qgħad li qed iħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażagħ minħabba l-pandemija;

41. Itenni s-sinifikat ta' korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs) bħala element neċessarju għall-promozzjoni tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol b'mod interattiv u aċċessibbli; jemmen li l-EEA għandha tippromwovi l-adozzjoni u l-iżvilupp tal-MOOCs u tirrifletti tali objettivi fl-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali;

42. Jinnota li bħalissa m'hemm l-ebda definizzjoni unika maqbula li tkopri t-terminu "mikrokredenzjali"; iqis, għalhekk, li jeħtieġ li jiġu definiti standards uniformi għall-UE kollha sabiex jiġi promoss b'mod effettiv ir-rikonoxximent reċiproku tagħhom fost l-Istati Membri u jiġi żgurat li l-impjegaturi jafdaw il-valur tagħhom;

Il-qafas ta' governanza

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni 2030 (EEASF 2030) konkret sal-aħħar tal-2022, inkluż mekkaniżmu komprensiv ta' tmexxija, monitoraġġ u evalwazzjoni, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4 tan-NU li "jiżgura edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa u jippromwovi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd" u l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jilqa' l-proposta għal kumitat ta' tmexxija għall-EEA, li jwitti t-triq għal qafas ta' governanza strutturat u sistematiku; jenfasizza r-rwol tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex tiġi diskussa t-triq 'il quddiem rigward l-isfidi li qed tiffaċċja l-edukazzjoni Ewropea u rigward l-iżvilupp tal-politika;

44. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom għat-tip ta' parteċipazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri u minn livelli oħra ta' gvern, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-UE u jfasslu arranġamenti effettivi ta' governanza f'diversi livelli li jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà filwaqt li jkollhom l-għan li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew;

45. Ifittex ċarezza dwar il-livell ta' involviment mistenni mill-partijiet ikkonċernati, mis-setturi tal-edukazzjoni li s'issa ma ġewx irrappreżentati biżżejjed, u mill-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili; jenfasizza li l-qafas ta' governanza għandu jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jaħdmu fl-oqsma kollha tat-tagħlim, inklużi l-ħaddiema żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri;

([18]) Ara l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Awwissu 2021 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva (COM(2021)0455).

46. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma tal-EEA bħala portal pubbliku interattiv biex l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jiġu appoġġjati fl-iskambju tal-informazzjoni u fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni u tal-iskambju ta' prattiki tajbin; jemmen li tali pjattaforma għandha tkun iffinanzjata b'mod adegwat u disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;

47. Jenfasizza li ċ-ċensimenti Ewropej, il-ġbir tad-data u r-riċerka dwar il-ħtiġijiet territorjali u l-prattiki edukattivi madwar l-UE huma prijorità ewlenija għall-Istati Membri u s-sistemi edukattivi tagħhom;

Lejn dimensjoni Ewropea akbar fl-edukazzjoni

48. Jissottolinja l-ħtieġa ta' dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni billi tiġi inkorporata perspettiva Ewropea akbar u distinta fil-kurrikuli edukattivi u fil-programmi ta' taħriġ għall-għalliema, li tinkludi l-għalliema, il-ħarrieġa u l-istudenti kollha kemm mill-organizzazzjonijiet formali kif ukoll dawk mhux formali u mis-settur tal-VET, u inkluż l-appoġġ mill-azzjonijiet Jean Monnet u l-akkademji tal-għalliema; jipproponi li dawn l-akkademji tal-għalliema jissejħu "Akkademji tal-Għalliema Comenius"; jappoġġja l-ħolqien ta' qafas komuni għat-tfassil u l-iżvilupp tal-kwalifiki tal-għalliema fl-Istati Membri kollha;

49. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istudenti jiġu pprovduti għarfien komprensiv dwar l-istorja u l-wirt kulturali tal-Ewropa, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, u li titrawwem memorja Ewropea kritika u kuxjenza storika bbażati fuq il-valuri fundamentali li fuqhom hija mibnija l-UE; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa jikkooperaw rigward l-edukazzjoni dwar l-istorja Ewropea u l-wirt kulturali madwar l-UE, u jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament u inizjattivi mmirati biex tiżdied ir-riċerka dwar l-istorja Ewropea, kif ukoll il-promozzjoni tal-istorja pubblika, filwaqt li titqies in-natura kumplessa tal-istorja tal-kontinent tagħna;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu qafas komuni dwar it-tagħlim rigward l-UE fil-livelli u fl-oqsma kollha xierqa tal-edukazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, mal-istituzzjonijiet u mal-politiki tal-UE, mad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-UE u kif jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi demokratiċi tal-UE;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija Ewropea komprensiva u qafas komuni rigward l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza b'dimensjoni Ewropea, inkluż it-tagħlim dwar il-valuri Ewropej – bħad-dinjità tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza – biex jinkoraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajba u l-iżvilupp ta' materjal u approċċi pedagoġiċi komuni; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tesplora l-istabbiliment ta' task force għall-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza biex tikkoordina dan il-kompitu u ttejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea sabiex trawwem kultura ċivika Ewropea u sens ta' appartenenza Ewropea, li jikkomplementaw id-dimensjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u globali;

o

o o

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.